

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Mons (il-Belġju) fl-4 ta' Marzu 2016 –
Christian Ferenschild vs1 JPC Motor SA**

(Kawża C-133/16)

(2016/C 191/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Mons

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Christian Ferenschild

Konvenuta: JPC Motor SA

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 5(1) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom ⁽¹⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali interpretata fis-sens li tippermetti, li għall-oġġetti użati, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur tiskadi qabel it-tmiem tat-terminu ta' sentejn, li jibdeu jiddekorru mill-kunsinna tal-oġġett li ma jikkonformax mal-kuntratt, meta l-bejjiegħ u l-konsumatur ikunu ftehm u fuq terminu ta' garanzija ta' inqas minn sentejn?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale di Milano (l-Italja)
fit-2 ta' Marzu 2016 – Stanleybet Malta Ltd, Mario Stoppani vs Agenzia delle dogane e dei Monopoli**

(Kawża C-141/16)

(2016/C 191/15)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Regionale di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stanleybet Malta Ltd, Mario Stoppani

Konvenuta: Agenzia delle dogane e dei Monopoli

Domandia preliminari

L-Artikoli 56 u 52 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, moqrija fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stess kif tirriżulta, fil-qasam tas-servizzi tal-logħob tal-ażżard u tal-imħatri, mis-sentenzi Gambelli, Placanica, kif ukoll Costa u Cifone, u, fil-qasam tad-diskriminazzjoni fiskali, mis-sentenzi Lindman, Il-Kummissjoni vs Spanja, kif ukoll Bianco u Fabretti, u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza fit-trattament, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u l-aspettattivi leġittimi, jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik Taljana li hija s-suġġett ta' din it-tilwima, li tissuġġetta, anki b'mod retroattiv, għall-imposta unika fuq l-imħatri u l-logħob ta' tbassir, prevista fl-Artikoli 1 sa 3 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504 tat-23 ta' Diċembru 1998, kif emendati bl-Artikolu 1(66)(b) tal-Liġi ta' Stabbiltà 2011, lill-intermedjarji nazzjonali li jittrażmettu d-data tal-logħob fl-interess ta' operaturi tal-imħatri, stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, li jkollhom b'mod partikolari l-karatteristiċi tal-kumpannija Stanleybet Malta Ltd., u fi kwalunkwe każ, lill-istess operaturi tal-imħatri, *in solidum* mal-intermedjarji nazzjonali tagħhom?